Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2023/2404

9.11.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 143/2023

tat-28 ta' April 2023

li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE [2023/2404]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim dwar iż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/851 tat-22 ta' Marzu 2022 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Portugiża tar-Regolament Delegat (UE) 2019/945 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi ([1]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/844 tat-30 ta' Mejju 2022 li jikkoreġi il-verżjoni bil-lingwa Żvediża tar-Regolament (UE) Nru 1178/2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim dwar iż-ŻEE.

(3) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness XIII tal-Ftehim dwar iż-ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66ne (ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011):

"— **32022 R 0844**: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/844 tat-30 ta' Mejju 2022 (ĠU L 148, 31.5.2022, p. 24)."

2. L-inċiż li ġej jiżdied fil-punt 66zbb (ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945):

"— **32022 R 0851**: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/851 tat-22 ta' Marzu 2022 (ĠU L 150, 1.6.2022, p. 21)."

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament Delegat (UE) 2022/851 u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2022/844 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-29 ta' April 2023, dment li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE *, jew fil-jum tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 115/2023 tat-28 ta' April 2023 ([3]), skont liema data tkun l-iżjed tard.

([1]) ĠU L 150, 1.6.2022, p. 21.
([2]) ĠU L 148, 31.5.2022, p. 24.
* Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.
([3]) ĠU L, 2023/2264, 9.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/2023/2264/oj

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' April 2023.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Nicolas VON LINGEN